MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 87/2002/1

**Anthony u Joseph ahwa Falzon**

**vs**

**Chris Grech**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Settembru, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallashom is-somma ta’ LM4,257.72,0 (erbat elef, mitejn u sebgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu), rapprezentanti ammont bilancjali lilhom dovut ghall-diversi xogholijiet u materjal uzat fl-istess xogholijiet, liema xogholijiet huma ghamlu gewwa dar f’Hal-Ghaxaq u dan fuq istruzzjonijiet u ordnijiet tal-konvenut;

2. Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat-8 ta’ Gunju tas-sena 2001 u bl-imghax legali mit-8 ta’ Gunju tas-sena 2001, data tal-ittra interpellatorja, sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-8 t’April tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent hallas a saldu lill-attur id-debitu mertu tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut kien sejjah lill-atturi biex jesegwixxu xi xogholijiet fuq fond proprjeta’ ta’ l-istess konvenut;

2. Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet ftehmu li l-atturi kellhom ukoll ifornixxu l-materjal;

3. Illi meta l-atturi lestew ix-xogholijiet kollha lilhom ordnati mill-konvenut l-istess atturi pprezentaw il-kont finali lill-konvenut;

4. Illi jidher li l-konvenut hass li dan il-kont kien wiehed sostenut izzejjed u wara li talab ghal ri-ezami ta' l-istess mill-atturi dawn ta' l-ahhar isostnu li laqghu t-talba tal-konvenut u naqqsu l-kont originali bi tlett elef u disa' mitt Lira Maltin, (LM3,900.00,0);

5. Illi meta l-partijiet involuti gew biex jikkonkludu l-vertenza ta' bejniethom iltaqghu fuq il-post fejn effettivament saru x-xogholijiet in dizamina u l-istess konvenut offra li jhallas l-ammont minnu dovut permezz ta' cheque;

6. Illi jirrizulta li peress li s-somma offruta mill-konvenut ma kienitx dik pattwita bejn il-partijiet, l-atturi rrifjutaw ic-cheque fuq indikat;

7. Illi l-ammont indikat mill-atturi fl-avviz odjern kif dettaljatament spjegat fl-invoice u fid-dokumenti pprezentati fl-atti ta' din il-procedura, (ara fol 39-50), ghadu effettivament ma giex saldat mill-konvenut u ghalhekk l-atturi kienu kostretti jipprocedu permezz ta' din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha tieghu l-konvenut isostni s-segwenti:

1. Illi huwa pacifiku li l-atturi ghamlu diversi xogholijiet f'fond f'Hal-Ghaxaq proprjeta' tal-konvenut u fuq struzzjonijiet ta' dan ta' l-ahhar;

2. Illi peress li f'xi mument dahal xi dizgwid bejn il-partijiet, il-konvenut ta struzzjonijiet lill-atturi biex ma jkomplux bix-xogholijiet taghhom;

3. Illi l-konvenut isostni li hallas lill-atturi permezz ta' cheque u dan ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni li seta' kellhom;

4. Illi in effetti l-konvenut isostni li wara li c-cheque de quo kien gie msarraf hu baghat invoice lill-atturi fejn indika li l-pagament kien gie effettwat “in full and final settlement”, (ara fol 18);

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti allegati mill-konvenut huma robustament konfutati mill-atturi;

Illi ghalkemm il-konvenut ipprezenta “statement” rigwardanti pagament lill-atturi li fih hemm il-kliem “paid in full and final”, ara fol 30, dan ma jikkostitwixxi prova konklussiva favur il-konvenut stante li dan l-istatement ma jikkontjenix il-firma ta’ l-atturi;

Illi ghalhekk l-allegazzjoni tal-konvenut li effetwa pagament ghas-saldu ta’ kwalunkwe pretensjoni ta’ l-atturi ma tirrizultax li hija sostenuta minn fatti oggettivi u hija biss allegazzjoni mhux oggettivament sostanzjata tal-konvenut;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenut Chris Grech ghandu jhallas lill-atturi Anthony u Joseph ahwa Falzon l-ammont meritu ta’ din il-kawza;

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut Chris Grech lill-atturi Anthony u Joseph ahwa Falzon fl-ammont ta’ erbat elef, mitejn u sebgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM4,257.72,0);

**3.** Tikkundanna lill-konvenut Chris Grech biex ihallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi Anthony u Joseph ahwa Falzon, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti injorat, fl-apprezzament taghha tal-provi, xhieda importanti li kienu jsostnu l-fatt li bejn il-kontendenti kien intlahaq qbil fuq is-somma li hu kellu jhallas ghax-xoghlijiet appaltati lill-atturi. Huwa ghalhekk jippretendi li din il-Qorti ghandha twarrab il-konkluzjoni raggunta u tabbraccja t-tezi tieghu tal-allegat ftehim, skond hu, sorrett u kkonfermat mix-xhieda.

L-atturi jikkontrastaw, dan l-aggravju tal-appellant u jikkontendu li l-verzjoni tieghu hi wahda inkonsistenti, mhux verosimili u nieqsa minn kwalsiasi sosteniment, anke mill-istess xhieda li fuqhom l-appellanti jsejjes il-bazi tal-gravam tieghu fil-konfront tas-sentenza appellata.

Ikun opportun qabel kull konsiderazzjoni ohra li jigu riprodotti l-fatti l-aktar saljenti tal-kaz in ispecje:-

(1) Il-konvenut inkariga lill-atturi jezegwixxu xoghlijiet f’dar sitwata Hal-Ghaxaq. Dan jghid li l-prezz originarjament pattwit kien bejn hmistax u ghoxrin elf lira pero` fl-istess waqt jirrikonoxxi li zdiedu hafna xoghlijiet ohra fil-kors tal-ezekuzzjoni u ghalhekk il-valur tal-istess xoghlijiet kiber (fol 28). Izid jaggungi illi ntlahaq qbil fuq ic-cifra ahharija meta tlestew ix-xoghlijiet. Ghalih din ic-cifra kienet dik ta’ tletin elf lira (Lm30,000). Isostni ghalhekk li l-ahhar pagament li ghamel kien wiehed ghas-saldu. Huwa jghid li dan il-hlas ghamlu dakinhar li ltaqghu fuq il-post tax-xoghol fejn kienu prezenti wkoll persuni ohra, fosthom James Busuttil, l-okkupant tal-fond (fol 18). Proprju dan l-istess xhud jghid li ma jafx li sar xi pagament fil-presenza tieghu (fol 24), ghalkemm isostni wkoll li l-partijiet qablu fuq prezz finali ghax-xoghol.

(2) Kemm il-konvenut kif ukoll l-imsemmi xhud jghidu li l-attur Anthony Falzon ma kienx kuntent b’dan il-ftehim. L-istess konvenut esebixxa statement (fol 30) dimostranti l-pagamenti li ghamel u li skond hu intbaghat lill-atturi ghall-konferma u l-firma. Dokument dan li x-xhud Lorna Borg, assistenta personali tal-konvenut, stqarret li ma tiftakar xejn dwaru (fol 53).

(3) L-attur (fol 32) jizmentixxi l-fatt tal-allegat ftehim u jsostni illi qatt ma kien hemm accettazzjoni da parti tieghu illi l-ahhar hlas li sarlu mill-konvenut kien intiz bhala wiehed ghas-saldu. Anzi kemm hu kif ukoll neputih Stephen Falzon (fol 56), isostnu illi huma qatt ma raw jew ircevew l-istatement a fol 30 u li inoltre wara l-ahhar pagament issoktaw jibghatu invoices ghal hlas tal-bilanc.

(4) L-istess attur Anthony Falzon jghid li hu kien accetta li jaghti skont lill-konvenut izda ma kienx hemm qbil dwar skontijiet ohra pretizi mill-konvenut. Huwa ghalhekk baqa' jinsisti ghal hlas bilancjali kif supportat mid-dokumenti esebiti minn fol 39 sa fol 50.

(5) Ma giet esebita l-ebda ricevuta. Il-konvenut jispjega dan in-nuqqas ghax billi kellu fiducja fl-attur ma kienx insista ghal ricevuta (fol 29).

Premessi dawn il-fatti, l-ewwel riflessjoni li trid issir hi din. Gjaladarba l-konvenut ma llimitax ruhu biex b'mod generali jikkontesta l-assunt tal-atturi, izda kkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi ossija l-allegat ftehim raggunt bejnu u l-atturi dwar il-korrispettiv li kellu jhallas, il-piz tal-prova ta' dan is-suppost ftehim kien inkombenti fuqu. Li jfisser illi jekk hu fil-gudizzju allega "causa solutionis" diversa minn dik dedotta mill-atturi kien fid-dover li jiddemostra l-ezistenza ta' dan ir-rapport divers minnu allegat.

Indubbjament, hekk kif l-attur ghandu b'obbligu jipprova l-fatt li jikkostitwixxi l-fondament tad-dritt tieghu ("actor incumbit probatio") ugwalment il-konvenut li jeccepixxi l-ineffikacja ta' dan il-fatt ossija, f'dan il-kaz, li d-dritt pretiz mill-attur gie modifikat jew estint sta ghalih, imbaghad, li jipprova l-fatti li huma ghab-bazi tal-eccezzjoni tieghu ("reus in excipiendo fit actor"). L-inadempjenza da parti tieghu ta' tali prova jitraduci ruhu fi zvantagg ghalih in kwantu fil-permanenza ta' stat ta' incertezza tal-fatt allegat, il-gudikant ma jisghax hlief ikun influwenzat mir-realitajiet tar-rizultanzi processwali.

Minn ezami tal-assjem tal-provi f'dan il-kaz din il-Qorti mhiex perswasa mid-difiza sostenuta mill-konvenut appellant. Fir-rigward taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Ibda biex id-dokument esebit mill-konvenut a fol 30 ma ghandu l-ebda valur hlief biex juri x'hallas l-appellant. Dan anke ghaliex dan id-dokument baqa' ma giex approvat jew accettat mill-atturi appellati u ghalhekk ma jistax jinghad li jservi bhala prova ta' xi ftehim sopravvenut ta' hlas ghas-saldu;

(2) Din il-Qorti ma tarax li l-ispjegazzjoni fornita mill-appellant ta' tali ftehim hi possibbli jew almenu verosimili tenut rigward tal-fatt illi l-atturi kienu gja ghamlu skont sostanzjali,f li fi kliem l-attur Anthony Falzon kien jirrapprezenta "kwazi l-qliegh kollu tieghi" (fol 32). Mhux ragonevolment mistenni allura li l-atturi kienu ser jaqblu dwar skont apprezzevoli iehor.

(3) Il-Qorti ssib bosta nkonsistenzi fil-mod kif xehed il-konvenut u dan ihalli sapur li l-versjoni tieghu la hi plawsibbli u lanqas kredibbli. Dippjju anke kieku kellha din il-Qorti taccetta dak mistqarr mix-xhud James Busuttil, li kien ghal snin assocjat mal-konvenut, il-versjoni tieghu wehidha ma tibbastax biex issostni l-allegazzjoni ta' xi ftehim finali raggunt. Multo magis, imbaghad, meta din l-istess versjoni hi kontraddetta jew newtralizzata mix-xhieda tal-atturi.

(4) Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkorda mal-ewwel Qorti illi l-konvenut appellant naqas li jiskarika l-oneru nkombenti fuqu li oggettivament jissostanzja, bi prova konvincenti u daqstant iehor cara, l-allegat ftehim ventilat minnu.

Ghall-motivi kollha suesposti din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------